Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL- ĦDAX IL- LAQGĦA TAT- TMIEN KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il- Ħamis, 7 ta' Jannar 2016

**Ħin:** Mill-5.00pm sas- 8.00pm

**Prezenti:** In-Nutar Dr. Ian Spiteri
Is-Sur Andre Grech
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Daniel Muscat
Is-Sur Joe Galea

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal-Ħdax-il laqgħa ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Jannar 2016. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Ma kien hemm ebda *arising out* mill-minuti

## 3. Bagit 2016

L-Estimi *draft* emendati għas-sena finanzjarja 2016 tqegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill mis-Sindku (mehmuża). Is-somma allokata mill-Gvern Ċentrali hi ta' € 265,469

Is-Sindku semma li l-allokazzjoni li ngħatat hi prattikament €8000 izjed minn tas-sena 2015 fejn l-ispejjeż amminstrattivi kull sena jiżdiedu u dan ikollu effett fuq l-operat tal-Kunsill u għalhekk irridu noqgħodu attenti kif jintefqu l-flus aktar u aktar li din is-sena għandna spiża kapitali fuq il-post il-ġdid tal-Kunsill.

Is-Sur Desmond Zammit Marmara qal li l-kunsill għandu jara li din-sena għall-inqas jagħmel xi xogħol infrastrutturali fil-lokalita'.

Is-Sindku qal li filwaqt li jaqbel li għandu jsir xi tip ta' dan ix-xogħol, il-finanzi ma tantx jippermettu li jsiru ħafna xogħolijiet bi qbil mal-Kunsill kollu ġie deċiż li għal din is-sena tiġi individwalizzata xi triq partikolari u jsiru bankini ġodda.

Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera fuq kif jistgħu jiġu dedikati fondi għad-dekasteri tagħhom

Is-Segretarju Eżekuttiv ser jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi approvata u ffirmata waqt il-laqgħa li jmiss.

## 4. Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u Ħaddiema Klerikali

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2015 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, s-Sinjur Mark Mallia. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2015 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

## 5. Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera

### Sindku Dr. Ian Spiteri

Is-Sindku infurma lill-Kunsill fuq il-laqgħa li kellu l-Ministeru tat-Turizmu fuq it-tender tal-latrini pubbliċi fejn ingħata nformazzjoni li l-Gvern Ċentrali fix-xhur li ġejjin ser jieħu f'idejħ il-latrini pubblici ta' kull lokalita' u jingħataw f'idejn il-privat. Għalhekk ġie infurmat li bħala kunsill jekk ser joħroġ tender, it-tul tal-kuntratt irid isir biss għal sena.

F'dak li jirrigwarda il-post il-ġdid tal-Kunsill huwa infurma lill-Kunsill li kellem lill-perit tal-kunsill biex idaħħal applikazzjoni l-MEPA għal *change of use* tal-post.

Is-Sindku tkellem fuq il-bandli li jinsabu fil-playing field fejn irrikonoxxa li ġewwa Hal Balzan hawn nuqqas ta' spazji pubbliċi fejn ir-residenti tagħna jistgħu jgawdu l-mistrieħ tagħhom. Għalhekk fid-dawl tal-fatt ta' dak li qal qabel fuq il-latrina pubblika li tinsab fl-istess playing field huwa kien qed jipproponi li jsir żvilupp ta' alterazzjoni tal-latrina pubblika biex ikunu jistgħu jiżdiedu xi bandli. Bi qbil mal-Kunsill ġie deċiż li jitqabbad il-perit tal-Kunsill biex ilesti l-pjanti flimkien mal-*costings* għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat mis-Sur Laferla li joqgħod Triq il-Providenza fejn qallu li tabella b'konnessjoni mal-proġett ERDF baqgħet ma twaħħlitx u talab li din titwaħħal kemm jista' jkun malajr. F'dan ir-rigward il-Kunsill approva li tiġi ordnata tabella ġdida għaliex kien hemm żball fl-isem tal-post tiegħu.

**<u>Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara</u>**

Il-Kunsillier qara ittra ta' lment minn persuna fuq xi provedimenti li ma ħax il-Kunsill biex jiġu mwaqqfa xi abbużi li qed isiru f'din it-triq. Dan kien għal fatt ukoll li kienet ingħatat informazzjoni ħażina bi żball minn din il-persuna. Il-Kunsill ser jara eżattament x'hemm u jieħu l-passi neċċessarji.

Il-Kunsillier ressaq ilment tas-Sinjura Micallef li fi Triq it-Tabib J. Zammit il-bankina niżlet minħabba l-istat ħażin tat-triq u li ħiereġ likwidu mill-blokka l-ġdida fl-istess triq li qed iġib in-nemus fit-triq. Fir-rigward ta' l-ilma ser jiġu nfurmati tas-sanita' biex isiru l-verifiki neċċessarji. Ilment simili ta' dan it-tip saritlu wkoll minn persuna oħra li toqgħod f'dik it-triq

Il-Kunsillier ressaq ilment fuq il-garaxxijiet li jinsabu fi Triq il-Ferrovija l-Antika bin-numru 236 u 228. Is- SE ser jara' li titneħħa l-parking bay ta' quddiem garaxx 228 wara konferma tal-pulizija li ma jintuzax bħala garaxx. Fir-rigward tal-garaxx 236 ser jinfurma lill-pulizija biex issir spezzjoni.

Il-Kunsillier staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq il-blocks li jinsabu fl-għalqa tal-joint office b'konnessjoni mal-proġett tan-National Flood Relief meta dawn ser jitneħħew kif ukoll fuq xi ħmieġ li nġema f'din l-għalqa partikolari. Is-SE infurmaħ li l-Perit Carmel Borg li huwa nkarigat mix-xogħolijiet kien infurma lill-Kunsill li dawn ser jitneħħew għall-aħħar ta' Diċembru meta jitlesta l-proġett. Is-SE ser jerġa' jikteb lill-Perit Borg kif ukoll ser jinfurma lill-Cleansing Department biex inaddfu l-għalqa.

**<u>Il-Kunsillier Joe Galea</u>**

Is-Sur Galea tkellem fuq il-problem ta' rrekordjar meta jsir xi ksur ta' liġi quddiem il-bring in sites. Huwa tal-fehma li jinxtara laptop biex jiffaċilita dan l-irrekordjar. Il-Kunsill ħa nota tagħha imma għalissa mhux ser isir xejn sakemm nitkellmu mal-kuntrattur il-ġdid tal-ġbir tar-riċiklaġġ u deċizjoni tittieħed minn hemm.

Is-Sur Galea tkellem fuq it-trimming tas-siġar li sar illum. F'dan ir-rigward is-Sindku talab li qabel ma jsir xi tip ta' dan ix-xogħol għandhom jiġu nfurmati r-residenti minn qabel, permezz ta' ittra u jingħataw ċans ta' ġimgħa biex jagħmluħ huma u f'kaz li ma jottemperawx, dan ix-xogħol isir mill-Kunsill.

Is-Sur Galea poġġa fuq il-mejda xi kwotazzjonijiet għal tindif tax-xelter li jinsab fil-pjazza. Il-Kunsill iddeċieda li jġib iżjed kwotazzjonijiet għaliex dawk preżentati huma għoljin ħafna.

**<u>Il-Kunsillier Daniel Muscat</u>**

Is-Sur Muscat ressaq ilment li l-Kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff mhux qed jimxi mal-klawsoli stipulati fil-kuntratt. Is-SE ser iwissi lill-kuntrattur biex jagħraf jirregola ruħu.

Huwa talab ukoll li tiġi rranġata tabella tas-sinjali u titpoġġa kif suppost għax qegħda mdawwra fi Triq il-Providenza kantuniera ma' Triq il-Kbira kif ukoll hemm siġra taċ-ċipress li qed tgħatti fanal u li tinsab fi Triq San Franġisk kantuniera ma' Triq San Gabriel li għandha bżonn *trimming*.

Is-Sur Muscat qal li kellmitu lecturer fuq is-suġġett Art Installations fejn l-istudenti jistgħu juru l-proġetti tagħhom f'postijiet differenti fil-lokalita'. Huwa qal li hemm fondi apposta għal dan il-għan. Il-Kunsill wera interess f'dan ir-rigward.

Huwa infurma lill-Kunsill li t-treasure hunt li sar fir-raħal kien suċċess fost iż-żgħażagħ.

## 6. Korrispondenza u Ilmenti

Dwar l-ilmenti u korrispondenzi li rċieva l-kunsill f'dan il-perjodu, l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta' kull min ippreżenta l-ilment.

## 7. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-7 ta' Jannar 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 17,465.33

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Andre Grech li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 8. Tqegħid ta' dokumenti w rapporti

Ma kienx hemm tqegħid ta' dokumenti jew rapporti

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2016 fil-5.30pm.

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data